# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

## Illum, it-Tnejn 7 ta' Mejju, 2001.

**Kawza Nru. 7.**
**Citazz. Nru. 713/97 JRM**

**REGISTRATUR tal-QRATI SUPERJURI**

**vs**

**Lygia sive Luigia SALIBA**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fl-1 t'April, 1997, li bih l-attur ippremetta:

Illi b'rikors prezentat fl-1 ta' Novembru 1996, Raymond Saliba, zewg il-konvenuta, wara li qal illi l-konveuta bl-aktar mod stinat m'hiex tottempera ruhha mad-digriet moghti minn din il-Qorti fil-

11 ta' Ottubru 1996, fil-kawza "Lygia Saliba pro. et noe. –vs- Raymond Saliba" li bih ipprovdiet dwar il-kustodja tat-tfal minuri u manteniment, (dokument "X1"), billi ma taghtix access lill-istess Raymond Saliba ghat-tfal minuri kif stabbilit bl-imsemmi digriet, talab li din il-Qorti taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti opportuni sabiex taccerta li l-intimata, konvenuta odjerna, tottempera ruhha ma' l-ordnijiet moghtija seduta stante fil-11 ta' Ottubru 1996;

Illi ghalhekk din il-Qorti b'digriet tal-10 ta' Marzu 1997, sabet li jirrizulta *prima facie* li l-intimata, konvenuta odjerna, irrendiet ruhha hatja ta' disprezz lejn l-awtorita' ta' din il-Qorti billi naqset li toqghod ghad-digriet tal-11 ta' Ottubru 1996, fuq imsemmi, u orndat lill-attur biex jipprocedi kontra l-konvenuta ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti skond l-artikolu1003A tal-Kap. 12, (dokument "X2");

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Issibha hatja ta' disprezz ghall-awtorita' taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12); u

2. Tikkundannaha ghall-pieni preskritti mill-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni, u bit-twissija li jekk ma tidhirx hija tista' tigi mgieghla biex twiegeb ghall-akkuza bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien maz-zewg (2) dokumenti mehmuza maghha;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-imharrka tas-6 t'April, 1998, li biha h ija eccepiet:

1. Fl-ewwel lok, il-procedura segwita mhix skond il-ligi;

2. Illi r-rimedju tad-disprezz mhux moghti f'dawn il-kazi, peress li l-ligi holqot rimedju ad hoc;

3. Fil-mertu l-fatti allegati kontra taghha mhux minnhom;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imharrka;

Rat id-Degriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-23 t'April, 1998 (pagna 15 tal-process);

Rat id-Degriet taghha (diversament presjeduta) tad-29 ta' Marzu, 2000, li bih halliet il-kawza *sine die* (pagna 25 tal-process);

Rat id-Degriet taghha (diversament presjeduta) tat-18 ta' Mejju, 2000, fuq talba tal-attur tal-25 t'April, 2000, li bih regghet qeghdet il-kawza ghas-smigh ghad-9 ta' Gunju, 2000, (pagna 27 tal-process);

Rat id-Degriet taghha (diversament presjeduta) tad-9 ta' Gunju, 2000, (pagna 35) li bih, fuq talba tal-imharrka, hassret il-kawza minn fuq il-lista bi spejjez tal-attur;

Rat id-Degriet taghha (diversament presjeduta) tat-12 ta' Gunju, 2000 (pagna 37 fuq talba tal-attur, li bih regghet qeghdet il-kawza ghas-smigh ghal-11 ta' Lulju, 2000;

Semghet ix-xiehda tal-attur;

Rat id-dikjarazzjoni tal-imharrka, maghmula mill-avukat taghha waqt is-smigh tat-8 ta' Frar, 2001, li hija ma kinitx sejra tressaq provi lil hinn mid-Dikjarazzjoni mahlufa minnha man-Nota tal-Eccezzjonijiet;

Semghet-it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-Degriet taghha tat-8 ta' Frar, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi din il-kawza nbdiet fuq ordni ghal daqshekk li nghatat f'Degriet fl-10 ta' Marzu, 1997, minn din il-Qorti (diversament presjeduta) [Dok "X2" f'pagna 6 tal-process], provokat minn rikors ta' zewg l-imharrka, Raymond Saliba [Dokument f'pagna 7 tal-process], f'liema Degriet nghad li l-imharrka Luigia Saliba kienet irrendiet lilha nnifisha *prima facie* hatja ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti billi naqset li thares dak li kienet marbuta twettaq skond Degriet iehor moghti fil-11 t'Ottubru,1996 [Dok "X1" f'pagni 4 u 5 tal-process];

Illi, fiz-zmien meta nghataw id-Degriet imsemmija, l-imharrka u zewgha kienu qeghdin jitqabdu fi proceduri ta' separazzjoni personali, u, marbuta ma' dawn, kien hemm kwestjoni ta' access ghat-tfal taghhom komuni;

Illi, saz-zmien li bdiet tinstama' din il-kawza, l-incidenti li kienu taw lok ghal-hrug tad-Degrieti msemmija aktar 'il fuq kienu nqatghu ghal kollox;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-ghamil li l-imharrka qeghda tigi mixlija bih f'din il-procedura huwa wiehed li, min-natura tieghu, jixxiebah ma' reat. Kif qalet il-Qorti tal-Appell f'sentenza taghha tat-**28 ta' Jannar, 1991**, fil-kawza fl-ismijiet *Catherine Portelli* vs Joseph Cachia et: "certi atti jikkostitwixxu disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti u [l-ligi] tippreskrivi l-pieni li ghandhom jigu inflitti fuq min jinsab li jkun ikkommetta xi att minn dawk. Dan il-procediment huwa ta' indoli kriminali. Il-fatt li l-istess procediment gie introdott bic-Citazzjoni ma jaghtix lil dan il-procediment in-natura civili, u ma jnehhilu xejn min-natura kriminali." [Kollez. Vol: **LXXV.ii.526**];

Illi l-ligi taghraf izjed minn ghamla wahda ta' ghemejjel li jaqghu taht it-tifsira ta' ghamil ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti. Taghraf ukoll fejn dan l-ghamil ikun sar (jigifieri hux quddiem il-Qorti jew band'ohra) [art. 988 u 989 tal-Kap 12] u kontra min ikun sar (jekk hux lil ufficjal tal-Qorti jew lil haddiehor) [art. 995] jew minn min [art. 996];

Illi l-ligi timmira li tolqot ukoll kull ghamil iehor li jitqies bhala wiehed ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti u li mhux xi wiehed imsemmi fl-artikoli ta' qabel [art. 997];

Illi n-nuqqas ta' harsien ta' ordni tal-Qorti tqies minn dejjem bhala ghamil ta' disprezz lejn l-awtorita' taghha;

Illi, madankolllu, bhalma l-ligi tiddistingwi b'disposizzjonijiet u sanzjonijiet li jintgharfu wahda mill-ohra skond l-ghamla ta' disprezz, daqstant iehor huwa siewi li wiehed izomm quddiem

ghajnejh li kull ghamil li jitqies bhala wiehed li jikkostitwixxi disprezz ghandu r-rekwiziti tieghu skond l-ghamla tieghu;

Illi hekk inghad ukoll mill-Qorti tal-Appell fit-**8 ta' Gunju**, **1998,** fil-proceduri ghal disprezz mehudin kontra gurnalista waqt il-kumpilazzjoni fl-atti tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet Il-Pulizija vs Meinrad Calleja: "Huwa ovvju, anke minn esami anke superficjali tad-disposizzjonijiet applikabbli li d-distinzjoni basilari bejn l-imgiba mhux xierqa li ssir in *faciem curiae* u dik li ma ssirx hekk hija netta u l-kazi huma trattati b'mod differenti u dana gustament. Fl-ewwel kaz, il-ligi trid taghti lill-gudikant il-mezzi biex immedjatament igib ghall-ordni lil min jittanta jfixkel il-kors tal-gustizzja u dana biex tassikura li xejn ma jimpediha milli tesercita d-doveri taghha b'intervent repentin u awtorevoli. Fit-tieni kaz fejn id-disprezz ikun sar barra mill-ambitu tal-proceduri quddiemha, il-ligi tipprovdi li jigi assikurat li min ikun akkuzat li jkun hati ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti jinghata opportunita' shiha li jiddefendi ruhu minn din l-akkuza" [kollez. Vol: **LXXXII.ii.187**];

Illi l-avukat tal-imharrka, waqt is-sottomissjonijiet finali, b'hila u bil-qawwa kollha argumenta li l-ghamil li l-klijenta tieghu hija mixlija bih ma jistax jitqieghed taht l-ebda wahda mic-cirkostanzi tal-"kappa" ta' disprezz. Itenni li mhux biss l-ghamil attribwit lill-imharrka ma sarx *in faciem curiae*, izda d-Degriet innifsu li huwa s-sies tal-kawza presenti ghandu jitqabbel ma' "theddida b'kundizzjoni" li l- ligi ma taghti lill-ebda Qorti s-setgha li tghmel. Zied jghid li mhux kulma ma jkunx joghgob lil gudikant jista' jitqies bhala disprezz ghall-awtorita' tal-Qorti. Ghalhekk, temm jghid, kien hemm rimedji ohrajn li messhom u setghu ttiehdu kontra l-imharrka, imma zgur mhux proceduri ghad-disprezz, u dan taht il-massima li *nulla pena sine previa lege;*

Illi biex isahhah din il-fehma, ressaq verbal biex jghid li l-azzjoni mehuda fil-konfront taghha tikkostitwixxi ksur tal-artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi, min-naha tieghu, l-abbli difensur tal-attur qal li l-validita' tal-ordni moghtija fid-Degriet tal-10 ta' Marzu, 1997, m'hijiex u ma

tista' tkun qatt taht esami fi proceduri bhal dawn. L-ordni, li johrog car mil-imsemmi Degriet, kien ordni li l-imharrka kellha toqghod ghalih, u x-xoghol ta' din il-Qorti f'dawn il-proceduri, mhux dak li tissindaka s-siwi ta' dak id-Degriet imma li tqis jekk l-imharrka, b'imgiebtha, kisritx dik l-ordni. Minbarra dan, mhux minnu li kull ghamil ta' disprezz kontemplat mil-ligi huwa mehtieg li jkun sar quddiem il-Qorti, u, b'mod partikolari, dawk ir-regoli jghoddu wkoll ghal ordnijiet moghtijin minn kull Qorti. Mhux hekk biss, imma r-regoli migjuba fil-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jghoddu wkoll ghall-Kodici Kriminali [art. 686 tal-Kap 9];

## *Ikkunsidrat:*

Illi wahda mis-setghat ewlenin ta' kull Qorti hija dik li taghti ordnijiet lil xihadd, kemm jekk biex dik il-persuna taghmel xihaga, jew biex dik il-persuna ma taghmilx xihaga. Il-ksur ta' kull ordni jikkostitwixxi disprezz ghall-awtorita' li, bis-sahha taghha, dik l-ordni tkun inghatat. Kif jghallem Denning: *"This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt*" (cfr. In Re Bramblevale Limited (1970)];

Illi, minbarra dan, xilja ta' disprezz iggib maghha l-htiega li tigi ppruvata, minn min qieghed jixli, l-intenzjoni tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'hekk l- awtorita' taghha;

Illi, madankollu, dik l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni moghti lilha bhala wiehed korrett jew le: is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jithassarx b'ordni ohra tal-Qorti nnifisha, huwa raguni oggettiva li torbot lill-mixli li joqghod ghaliha, jaqbel jew ma jaqbilx maghha. Hekk ukoll stabilew il-Qrati taghna, ukoll fejn wara rrisulta li l-ordni tal-Qorti kien wiehed null [ara. Sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-**7 t'Ottubru,**

**1997**, fil-kawza fl-ismijiet <u>*Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella*</u> u s-sentenzi hemm imsemmija];

Illi, mehud f'dan id-dawl, il-procediment tad-disprezz m'huwiex rimedju ghall-persuna li tkun talbet it-tehid tieghu, imma sanzjoni kontra min ikun gab b'idejh u b'ghemilu (jew bl-omissjoni tieghu skond il-kaz) ksur ta' ordni moghtija lilu. L-attur f'din il-kawza (u bil-procedura illi tfasslet ghal dan il-ghan fl-1995) qieghed huwa nnifsu jesegwixxi ordni moghtija lilu minn Qorti kompetenti biex jibda dawn il-proceduri. L-attur m'ghandu x'jirbah xejn b'tali proceduri ghajr li jizgura li tigi mharsa l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja [ara sentenza tad-**9 ta' Novembru,1990** fil-kawza fl-ismijiet <u>*Il-Qorti vs Antoine*</u> <u>*R. Camilleri*</u> (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.546**)];

Illi, ghalhekk, il-Qorti ssib li t-tieni eccezzjoni tal konvenuta, flimkien mat-tesi mressqa mill-avukat taghha proprju dwar dan il-punt, ma jistghux jintlaqghu bhala rappresentativi ta' tifsira xierqa tan-natura tal-proceduri ghad-disprezz u dan ghaliex l-artikolu tal-ligi li tahtu qieghed jigi mgharbel l-episodju in kwestjoni huwa norma espressa kontenenti sanzjoni ta' piena f'kaz ta'sejbien ta' htija;

Illi, dwar il-fatti, irrisulta li kien hemm ordni specifiku f'Degriet tal-11 t'Ottubru, 1996, bi twissija lill-partijiet f'kaz li jiksruh. F'anqas minn xahar wara, zewg l-imharrka kien halef bil-gurament li martu kienet kisret dak l-ordni. Irrisulta li l-Qorti kienet semghet il-versjoni tal-imharrka u tatha l-opportunita' li tiggustifika ghemilha. Fil-11 ta' Marzu, 1997, il-Qorti kienet sabet lill-mharrka hatja *prima facie* tal-ksur tal-ordni precedenti taghha;

Illi, waqt is-smigh tal-kawza, zewg l-imharrka xehed li kien imgieghel iressaq ir-rikors tieghu minhabba xi resistenza min-naha ta' martu ghall-ordni li kienet tat il-Qorti. Zied jghid li, wara dak l-episodju, ma baqax isib izjed diffikulta' biex jara 'l uliedu;

Illi ghalkemm sa Settembru, 2000, l-attur kien ghadu jressaq Mandati biex iharrek lill-konvenuta u lill-Avukat ta' zewgha, dan baqa' ma sejhilhomx meta nstemghu l-provi;

Illi, min-naha taghha, l-imharrka ghazlet li ma tixhidx b'zieda ma' dak li halfet fid-Dikjarazzjoni taghha man-Nota tal-Eccezzjonijiet, f'liema att hija cahdet dak li hemm allegat kontra taghha;

Illi provi ohrajn ma tressqux, u ghalkemm il-Qorti li kienet tat id-Degriet tal-11 ta' Marzu, 1997, kienet sabet lill-imharrka hatja *prima facie* ta' disprezz, dan ma kienx fih innifsu Degriet definittiv. Kien jirrikjedi s-smigh ta' provi li juru kemm li kien minnu li l-imharrka naqset li twettaq dak mitlub minnha fl-imsemmi ordni u kif ukoll li kellha l-fehma li tisfida dak l-ordni;

Illi mill-provi li ghandha quddiemha din il-Qorti, u fid-dawl ta' dak li nghad izjed 'il fuq, ma jistax jinghad li ntwera b'mod konvincenti bizzejjed li l-imharrka irrendiet ruhha hatja ta' ghamil ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti, billi ma ntweriex li hija kellha l-fehma (*mens rea*) li, b'ghemilha, tisfida l-ordni moghti lilha. Din il-prova kienet tispetta lill-attur;

Ghalhekk, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

Filwaqt li **tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-imharrka, tilqa' t-tielet eccezzjoni taghha** billi tiddikjara li ma ntweriex fi grad xieraq li hija tahti ghal ghemil ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti;

U b'hekk **tichad it-talbiet tal-attur**.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

*7 ta' Mejju, 2001.*

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**19 t'April, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**19 t'April, 2001.**